MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 19/2024 LM

**Joseph Said (K.I. Nru. 576554(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Charichelon Co. Ltd (C 14614)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Charichelon Co. Ltd (C 14614)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Ottubru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz

tagħha ddeċieda t-talba tar-rikorrent **Joseph Said (K.I. Nru. 576554(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tas-soċjetà intimata, billi laqa' l-imsemmija talba limitatament għall-ammont ta' tmien mitt Euro (€800.00), u ordna li kull parti kellha tħallas l-ispejjeż tagħha.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-prezz ta' titjiriet lejn u mis-Slovakkja, flimkien mal-akkomodazzjoni, fl-istess pajjiż li l-appellat xtara mingħand is-soċjetà appellanta f'Novembru 2021 għall-prezz ta' elf tliet mija ħamsa u disgħin Euro (€1,395). It-titjira lejn is-Slovakkja kienet skedata għat-22 ta' Diċembru, 2021, iżda ftit qabel l-appellat ġie nfurmat minn impjegat tas-soċjetà appellanta sabiex ma jsifirx f'dik id-data minħabba diversi restrizzjonijiet f'dak il-pajjiż konnessi mal-pandemija tal-COVID-19. Meta huwa talab rifużjoni tal-prezz, ġie mgħarraf li dan ma setax isir, iżda minflok ġie propost li jipposponi s-safra soġġett għal xi tariffa. Wara li huwa mar l-uffiċċju tas-soċjetà appellanta xi tliet darbiet sabiex jirriżolvi l-kwistjoni, iżda dan mingħajr eżitu, huwa rċieva *voucher* bil-posta f'Jannar 2023 għal tmien mitt Euro (€800).

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat ippreżenta lment quddiem it-Tribunal fl-1 ta' Settembru, 2023, fejn spjega l-fatti li wasslu għall-preżentata tal-imsemmi lment, u talab sabiex jingħata l-prezz kollu li huwa kien ħallas.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fl-4 ta' Ottubru, 2023, fejn insistiet li l-ammont reklamat ma kienx dovut lill-appellat.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidra;*
>
> *Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti inkluz id-dokumentazzjoni relattiva, u wara li sema' lil attur u r-rappreżentant tas-soċjetà intimata jixhdu fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur għandha tintlaqa' limitatament kif ser jiġi spjegat.*
>
> *Illi t-Tribunal ikkunsidra l-fatt li effettivament, fid-data tal-vjaġġ skedat, ma kien hemm l-ebda impediment li seta' b'xi mod jipprekludi lill-attur li jivvjaġġa. Inoltre, l-attur ma ġabx prova bħala xhud lil persuna impjegata tas-soċjetà intimatà li tat struzzjonijiet sabiex ma jattendux għal vjaġġ. Illi t-Tribunal jinnota li l-prezzijiet tat-titjiriet tal-ajru ma humiex fil-kontroll tas-soċjetà intimata, liema settur huwa wieħed volatili u diversi fatturi jiddeterminaw il-prezzijiet tat-titjiriet minn ġurnata għal ġurnata.*
>
> *Illi jirriżulta ulterjorment li s-soċjetà intimata sa mill-bidu nett offriet soluzzjoni lil attur, b'dan li hija bagħtet* voucher *fl-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro) lill-attur."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

> *"...tilqa' l-appell tagħha billi tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-1 ta' Ottubru, 2024, okkorrendo billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal ma kkunsidrax sew it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tagħha.

7. L-appellat wieġeb fl-24 ta' Jannar, 2025, fejn jikkontendi li l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda ssostni li t-Tribunal naqas li jikkunsidra b'mod xieraq it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tagħha, jiġifieri li fuq il-*booking form* kien hemm indikat li *'Package not refundable ...N.B. INSTANT PURCHASE TICKETS ARE NON-REFUNDABLE',* u li f'każ li jitħassar il-*booking,* għandhom jiġu applikati t-termini u l-kundizzjonijiet indikati hemmhekk, inklużi t-tariffi tal-kanċellament. Hija targumenta li kif osserva t-Tribunal li *'effettivament, fid-data tal-vjaġġ skedat, ma kien hemm l-ebda impediment li seta' b'xi mod jipprekludi lill-attur li jivvjaġġa',* u meqjus ukoll li fil-*booking form* kien hemm indikat li l-prezz kien *'non-refundable',* hija ma kellha tħallas xejn lill-appellat. Targumenta li l-fatt li hija kienet offriet *voucher* ta' tmien mitt Euro (€800), ma kienx ifisser li hija kienet irrinunzjat għall-ftehim bejn il-partijiet milħuq permezz tal-*booking form.* Is-soċjetà appellanta tirrileva li *voucher* huwa ntiż li jagħti lid-detentur tiegħu dritt għall-oġġetti jew servizzi, iżda mhux għar-rifużjoni tal-prezz tiegħu. Tgħid li skont il-prinċipju *pacta sunt servanda,* il-kuntratti m'għandhomx ikunu

soġġetti għall-interpretazzjoni għajr f'każ li l-ftehim ikun nieqes sal-punt li l-intenzjonijiet tal-partijiet ma jkunux ċari, jew fejn aktar tard joħorġu ċirkustanzi li ma kinux ikkunsidrati kif suppost fil-kuntratt, li l-interpretazzjoni hija ġustifikata. Is-soċjetà appellanta tgħid li għalhekk ġaladarba jirriżulta li l-appellat kien ikkanċella s-safra mingħajr raġuni valida fil-liġi, dan il-prinċipju kellu jiġi applikat b'mod strett mit-Tribunal. Hija tagħmel riferiment għall-kundizzjoni numru tlettax (13) tal-*booking form,* li tipprovdi għal skala ta' *cancellation charges,* u tgħid li mill-provi kien jirriżulta li l-appellat m'osservax il-proċedura tal-kanċellament kif stipulata, u għalhekk kellha tapplika t-tariffa ta' 100%.

10. L-appellat jirrileva li l-appell odjern jittratta l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, iżda meħud in konsiderazzjoni li l-ammont ikkontestat kien ta' tmien mitt Euro (€800), l-artikolu 22 tal-Kap. 378 kien jillimita d-dritt ta' appell għal dawk iċ-ċirkostanzi hemmhekk imfissra. Jissottometti li verament it-talba oriġinali kienet għal valur akbar, iżda l-ammont dovut mingħand is-soċjetà appellanta kien ġie stabbilit fl-ammont ta' tmien mitt Euro (€800). L-appellat jgħid li ġaladarba li s-soċjetà appellanta ma kienet qiegħda tissolleva l-ebda kwistjoni dwar ġurisdizzjoni jew preskrizzjoni, l-appell odjern huwa inammissibbli. Dwar il-mertu, u mingħajr preġudizzju għal dak li huwa diġà ssottometta, l-appellat jagħraf li s-soċjetà appellanta qiegħda tissolleva tliet punti li għandhom jiġu ttrattati: (a) Tgħid li fid-dokumenti li kien ġew mgħoddija lill-appellat, kien hemm indikat li *'tickets are non-refundable',* imma l-appellat jinsisti li dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra l-kwistjoni dwar l-ammissibbilità o meno tal-appell odjern, li qiegħda tiġi ssollevata mill-appellat, li jikkontendi li l-imsemmi appell ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 378. Is-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha tissottometti li l-appell tagħha qiegħed isir *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu, u għalhekk il-Qorti tgħid li jonqos li hija tistħarreġ jekk tassew id-deċiżjoni appellata kienet ta' preġudizzju għaliha.

12. Iżda il-Qorti mill-ewwel tagħraf li d-deċiżjoni appellata hija tajba. It-Tribunal għaraf li l-ilment tal-appellat kellu jiġi milqugħ limitatament fl-ammont ta' tmien mitt Euro (€800), u dan filwaqt li kkunsidra li (a) fiż-żmien tal-btala tiegħu, ma rriżulta l-ebda impediment li seta' żammu milli jivvjaġġa; (b) l-appellat ma kien ressaq l-ebda prova permezz ta' impjegat tas-soċjetà appellanta sabiex juri li huwa kien ingħata struzzjonijiet minn dak l-istess impjegat sabiex ma jsifirx; (ċ) il-prezzijiet tat-titjiriet tal-ajru ma kienux fil-kontroll tas-soċjetà appellanta, u dawn kienu tassew ta' natura volatili; (d) l-imsemmija soċjetà appellanta kienet offriet lill-appellat *voucher* tal-valur ta' tmien mitt Euro (€800) sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni ta' bejniethom.

13. Il-Qorti tikkunsidra li l-aggravju tas-soċjetà appellanta jittratta proprju dan l-aħħar punt li ġie ssollevat mit-Tribunal. Tikkontendi li meta għamlet l-imsemmija offerta lill-appellat, hija ma kinitx qiegħda tirrinunzja għall-kundizzjonijiet elenkati fil-*booking form* li ppreżentat lill-appellat, u li min-naħa tiegħu kien iffirma għalihom. Il-Qorti ma taqbilx, u filwaqt li tirrileva li ma jirriżultax mill-atti proċesswali li din il-*booking form* u l-kundizzjonijiet marbuta mal-*booking* kien iffirma għalihom l-appellat, tgħid li ġaladarba saret l-offerta

min-naħa tagħha, hija b'hekk kienet irrinunzjat għall-kundizzjoni li permezz tagħha l-appellat kellu jitlef id-dritt għal rifużjoni tal-prezz sħiħ tal-btala tiegħu. Kif intwera aktar 'il fuq, din ġustament kienet waħda mill-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu.

14. Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-argument tas-soċjetà appellanta li l-*voucher* li hija għaddiet lill-appellat kien jagħti dritt lid-detentur tiegħu għal oġġetti jew servizzi, iżda mhux għal rifużjoni tal-prezz. Tirrileva li llum dan il-*voucher* skada u m'għadux validu, iżda fi kwalunkwe każ jidher li l-appellat kien irritornah lis-soċjetà appellanta. Huwa ċertament għal dawn ir-raġunijiet li t-Tribunal ordna l-ħlas tal-valur tal-istess *voucher,* u l-Qorti tagħraf li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija tajba.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell odjern, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-preżenti appell għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |